MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 273/2008

Carmen Muscat (Id. 666957M) personalment u bhala legittima rapprezentanta ta' bintha minuri Lara Hersey.

Vs

Joseph Hersey (Id. 161666M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta' Euro 363.86 skond Digriet numru 213/2007 tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, moghti fit-8 ta' Frar 2007; u dana in kwantu ghal Euro 2.92 bhala awment fil-manteniment ghat-tifla minuri Lara skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja ghall-iskadenza tat-23 ta' Frar 2008 u ta' l-20 ta' Marzu 2008; u in kwantu ghal Euro 326 bhala sehem l-attrici mir-rifuzjoni tat-taxxa ta' l-iskola tat-tifla Lara li nghatat lill-konvenut mill-Gvern ghas-snin 2006 u 2007; u in kwantu

ghal Euro 34.94 bhala sehem il-konvenut mill-hlas ta' l-ispiza ta' l-istationery. L-attrici qeghda titlob ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta' Euro 232.94 bhala zewg skadenzi ta' kull erba gimghat dovuta fit-28 ta' Dicembru 2007 u fis-26 ta' Jannar 2008 u dana skond skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata l-1 ta' Frar 2007. Ghalhekk l-attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma komplessiva ta' Euro 596.80. Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2008, u bl-imghaxijiet legali minn-notifika ta' l-istess sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi 1. preliminarjament l-azzjoni hija nulla stante illi l-esponenti ma gietx awtorizzata minn ebda Qorti illi tagixxi bhala legittima rapprezentanta ta' bintha minuri; 2. illi subordinatament u minghajr pregudizzju din il-Qorti mhiex kompetenti illi tisma din il-vertenza stante illi dan huwa kreditu illi jirrizulta minn digriet tal-Qorti tal-Familja u ghalhekk l-azzjoni f'din is-sede ma tistax tissussisti; 3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammonti mitluba mill-attrici huma eccessivi stante illi ghalkemm l-esponenti obbliga ruhu illi jhallas iz-zieda fl-gholi tal-manteniment dan gie ikkalkulat erronjament u huwa hazin u eccessiv; 4. illi wkoll l-esponenti ma rcieva ebda rifuzjoni tat-taxxa tal-iskola tat-tifla u ghalhekk m'ghandux ihallas lill-attrici; 5. illi ghal dak li jirrigwarda l-sipiza tal-istationery, l-attrici hija obbligata skond l-istess digriet tat-8 ta' Frar 2007 illi turi l-ircevuti relattivi li ma ghamlitx u kien ghalhekk li d-debitu mhux dovut; 6. illi l-kostituzzjoni ta' debitu mhux l-istess mertu ivvantat mill-attrici li ghandha tipprosegwi b'azzjoni separate, u li fi kwalunkwe kaz ma hemmx morozita. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda tal-attrici Carmen Muscat.

Ra l-affidavit tal-attrici.

Sema x-xhieda tal-konvenut Joseph Hersey.

Sema x-xhieda ta' Joseph Gauci prodott mill-attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-nota tal-attrici li biha hija cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjes.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjes.

**Ikkunsidra.**

Illi jirrizulta car li sar xi hlas fil-mori tal-kawza mill-konvenut lill-attrici, liema hlas sar fi stadju avvanzat tal-provi tal-partijiet fir-rigward tal-mertu. Tant hu hekk illi l-attrici cediet il-kawza kontra l-konvenut fir-rigward tas-sorte u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjes. Illi ma hemm l-ebda cahda da parti tal-konvenut illi dan il-hlas sar, u lanqas ma hemm xi prova illi l-hlas li sar fil-mori tal-kawza ma kienx jirrigwarda l-istess mertu tal-kawza.

Illi huwa ovvju li jekk il-konvenut hass il-bzonn li jhallas lill-attrici xi ammont iehor li ma kellu x’jaqsam xejn ma dak li kien qieghed jintalab mill-attrici permezz ta’ din il-kawza, tali hlas kellu jsir bla pregudizzju u permezz ta’ jew xi ftehim bil-miktub, jew almenu akkompajata minn xi ittra da parti tal-konvenut jew l-avukat tieghu, liema ftehim jew ittra kellha tindika ghal x’hiex specifikament kien qieghed isir dan il-hlas.

Jekk mill-banda l-ohra, fil-mori tal-kawza l-konvenut qabad u hallas l-ammont mitlub fil-kawza minghajr ma saret ebda skrittura ta’ tranzazzjoni li kellha tirregola min mill-partijiet kellu jhallas l-ispejjes tal-kawza, jew almenu kif kellhom jitqassmu dawn l-istess spejjes, huwa ovvju allura li dawn l-ispejjes ghandhom jithallsu mill-konvenut, li wara jkollox gie li qieghed jammetti t-talbiet kif dedotti kontra tieghu bil-hlas da parti tieghu, u li ghalhekk ghandu jbaghti l-ispejjes tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna l-konvenut ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------